Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,969, 2 ta' Diċembru, 2022
Taqsima B

A.L. 319 tal-2022

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Uffiċjali ta' Infurzar tat-Trasport

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Uffiċjali ta' Infurzar tat-Trasport u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Uffiċjali ta' Infurzar tat-Trasport, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 499.51.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, fit-tifsira "vettura" tiegħu, immedjatament wara l-kelma "rota" għandha tiġi miżjuda l-kelma ", e-kickscooter".

Jissostitwixxi r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali u l-proviso tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bir-regolament u proviso ġodda li ġejjin:

"12. L-Uffiċjali ta' Infurzar għandu jkollhom is-setgħa li jinfurzaw ir-regolamenti elenkati fit-Taqsima 1 tal-Iskeda fit-toroq u postijiet pubbliċi kollha u l-Uffiċjali tat-Trasport Pubbliku għandu jkollhom is-setgħa li jinfurzaw ir-regolamenti elenkati fit-Taqsima 2 tal-Iskeda:

Iżda l-Uffiċjali ta' Infurzar għandu wkoll ikollhom is-setgħa li jinfurzaw ir-regolamenti elenkati fit-Taqsima 2 tal-Iskeda.".

Jissostitwixxi Taqsima 1 tal-Iskeda tar-regolamenti prinċipali.

4. It-Taqsima 1 tal-Iskeda tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bit-taqsima gdida li ġejja:

"Taqsima 1
Regolamenti li jistgħu jiġu infurzati mill-Uffiċjali ta' Infurzar

(a) L-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65);

(b) Ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki

tal-Karreġġata (L.S. 65.05);

(ċ) Ir-Regolamenti dwar Tractors bil-Mutur (L.S. 65.08);

(d) Ir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11);

(e) Ir-Regolamenti dwar it-Tilbis ta' Ċintorini tas-Sigurtà fil-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.12);

(f) Ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru (L.S. 65.13):

(g) Ir-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur ikunu Tajba għat-Triq (L.S. 65.15);

(h) Ir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.18);

(i) Ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.19);

(j) Ir-Regolamenti dwar Piżijiet, Dimensjonijiet u Tagħmir tal-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.21);

(k) Ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża b'Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.22);

(l) Ir-Regolamenti dwar il-Mikromobilità. (L.S. 65.32);

(m) Ir-Regolamenti dwar Vetturi b'Qawwa Baxxa u Ċikletti bil-Pedali (L.S.65.26);

(n) Ir-Regolamenti dwar Aċċess Kontrollat ta' Vetturi f'Ċertu Żoni (L.S.65.31);

(o) L-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap.104);

(p) L-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368);

(q) Ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (L.S. 368.02);

(r) Ir-Regolamenti dwar it-Tqegħid ta' Billboards u Riklamar fit-Toroq (L.S. 499.32);

(s) Ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta'Vetturi (L.S. 65.33);

(t) Ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (L.S. 499.56);

(u) Ir-Regolamenti dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq (L.S. 499.57);

(v) Ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (L.S.499.58);

(w) Ir-Regolamenti dwar Servizzi tat-Taxi (L.S. 499.59);

(x) Ir-Regolamenti dwar l-Użu fit-Triq ta' Bhejjem u Vetturi Miġbuda minn Bhima (L.S. 499.66);

(y) Regolamenti dwar il-Mikromobilità (L.S. 499.67);

(z) Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (L.S. 499.68).".